MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Numru 1143/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Sandro Millo)**

**vs**

**Brian Pace**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Brian Pace, 35 sena, bin Saviour u Miriam xebba Agius, imwieled Pieta' fis-07 ta' Awwissu 1978, residenti Sqaq nru.2 Bieb nru.5, Triq Ghajn Dwieli Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' 0377378 M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nakkuzawh talli f`dawn il-Gzejjer, fl 10 ta' Novembru 2013, minn gewwa residenza numru 198, Flat 4A,Triq It-Torri, Sliema, ikkommetta serq ta' diversi gojjeli ta' deheb u cioe' hames (5) arloggi tal- marka 'Rolex' ghal-valur mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema serq u aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Maria Rita Jaccarini eta' 81sena u detentrici ta' karta ta' Identita: 0420232 M u/jew ta' persuni ohra;

2. talli laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi hadt f'idejk funzjoni pubblika u cioe' ufficjal tal-Pulizija Ta' Malta, minghajr ma kellek jedd ghaliha, u ezercitajt att ta' dik il-funzjoni, ai termini ta' l-artikolu 84 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. u aktar talli arrestajt,zammejt u/jew issekwestrajt lil Maria Rita Jaccarini kontra volonta taghha ai termini ta' l-artikolu 87 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta minn diversi Magistrati f'dan li ma jikkommettix delitti ohra, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi *Brian Pace* u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somom ta' flus bhala depositu u bhala garanzija/i personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli rrenda ruhu recediv b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu Art. 49, Art.50 u Art.289 Kap 9.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Novembru 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv ghat-tieni(2) mputazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li kien qed jikkopera mal-Pulizija in kwantu jirrigwarda nvestigazzjonijiet ulterjuri li kienu qed isiru in konnessjoni ma l-fatti li jiffurmaw il-mertu ta' dan il-kaz vis a vis terzi persuni izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom huwa qed jinstab hati u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva u aktar vicin il-massimu ponibbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(a), (b), (c) u (e), 262, 263, 267, 269, 275, 276A, 277, 84, 86, 87, 579(2) u (3), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-

Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet mmarkati bhala 1, 3 u 4 kif ukoll talli kiser diversi kundizzjonijiet tal-liberta' provisorja mposti fuqu minn dawn il-Qrati u talli rrenda ruhu recidiv u tikkundannah sitt(6) snin prigunerija. Stante li t-tieni(2) mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Il-Qorti inoltre tirrevoka l-helsien mill-arrest moghti lill-imputat permezz ta' digrieti ta' din il-Qorti tas-16 ta' Awwissu 2007, 2 ta' Marzu 2011 u 23 t'Ottubru 2012 u tordna r-riarrest mill-gdid tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------